11 ta' Marzu, 1957

Imħallfin:—
Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Carmelo Micallef pr. et. ne. *versus* Raphael Avallone et.

**Kiri ta' karrozza — "Self-Drive" — Danni — Liċenza tas-Sewqan — Solidarjetà — Art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili**

*Min jikri karrozza għas-"self-drive" jagħmel ħażin meta jafda s-sewqan ta' dik il-karrozza f'idejn persuna li ma għandhiex liċenza tas-sew-*

*qan; u meta l-persuna li lilha ġiet fdata l-karrozza hija persuna magħrufa għas-sewqan perikoluż, il-ħtija ta' dak li fdalu l-karrozza tirrażenta l-għemil doluż.*

*Dak li kera l-karrozza għandu wkoll tort meta jinduna li l-persuna minnu fdata bis-sewqan tal-karrozza qegħedha ssuq bi speed perikoluż, u jillimita ruħu biss li jirrimarkalu dan il-fatt mingħajr ma jużа mezzi aktar effettivi bħala prekawzjoni.*

*Għaldaqstant tant min kera l-karrozza kemm il-persuna fdata bis-sewqan tagħha huma responsabbli tad-danni li jiġu kaġunati waqt li l-karrozza tkun qegħedha tiġi misjuqa mill-persuna hekk fdata bis-sewqan tagħha.*

*Hu sempliċement inċivili li wieħed jgħid li dak li ħa l-karrozza b'kiri ma kellu ebda tort għal dawk id-danni, billi jallega ili l-persuna minnu fdata bis-sewqan tal-karrozza, għad li ma kellhiex liċenza, kienet taf issuq. Għall-kuntrarju, għad-danni kaġunati bis-sewqan perikoluż ta' dik il-persuna l-oħra huma responsabbli tant dak li ħadha b'kiri, għax fdaha lil dik il-persunna l-oħra li mhix liċenzjata biex issuq, u tant dik il-persuna l-oħra li kkaġunat id-danni bis-sewqan perikoluż tagħha.*

*U dina r-responsabilità hija solidali, anzi indiviżibbli; salv l-apporzjonament tad-danni bejniethom fir-rapporti interni mill-Qorti; liema apporzjoament jista' jsir fl-istess ġudizzju li fih tiġi eżerċitata mill-lokatur tal-karrozza l-azzjoni tiegħu għad-danni kaġunati lil dik il-karrozza.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li fil-11 ta' Mejju 1955 il-konvenut Avallone kera minn għand l-attur, b'self drive, il-karrozza tal-marka "Consul" li ġġib in-numru 15236; u peress li dan Raphael Avallone, għalkemm kien jaf illi l-konvenut l-ieħor Anthony Ciancio ma kellux il-liċenza tas-sewqan, ħalla lill-istess Anthony Ciancio jsuq il-karrozza fuq imsemmija waqt li kienet mikrija lilu, u bi traskuraġni, nuqqas ta' għaqal u ksur tal-liġijiet tas-sewqan, ħabat l-istess karrozza u għamlilha ħsara kbira; u peress illi l-attur sofra danni konsiderevoli bħala konsegwenza ta' dina l-ħabta, u dawn id-danni huma imputabbli

liż-żewġ konvenuti, peress li huma derivanti mhux biss "ex contractu", iżda anki "ex delicto", u għalhekk iż-żewġ konvenuti huma responsabbli solidalment; u peress illi l-attur interpella lill-konvenuti biex iħallsu d-danni lilu kaġunati per mezz ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' Ġunju 1955, iżda dawn ma ħallsux; talab li dina l-Qorti (1) tiddikjara liż-żewġ konvenuti responsabbli għad-danni kaġunati fil-karrozza numru 15236 waqt li din kienet mikrija lil Raphael Avallone fil-11 ta' Mejju 1955, u dan in vija solidali bejniethom; (2) jiġu likwidati d-danni kaġunati lill-attur fil-karrozza fuq imsemmija, liema danni jikkonsistu fil-"lucrum cessans" u "damnum emergens", u jiġu likwidati per mezz ta' periti nominandi; (3) jiġu kundannati l-konvenuti jħallsu solidalment dik is-somma li tiġi minn din l-istess Qorti likwidata bħala danni, skond ma ntqal hawn fuq. Bl-ispejjez, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Ġunju 1955;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Ġunju 1956, li biha ddeċidiet, prevju akkoljiment tal-perizja, billi ddikjarat lill-konvenuti responsabbli għad-danni kaġunati fil-karrozza msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni waqt li kienet mikrija għand il-konvenut Avallone fil-jum imsemmi, b'mod li l-attur jista' jippersegwitahom għall-intier separatament, salva r-ratizzazzjoni interna bejniethom nofs kull wieħed kif maqtugħa fuq; illikwidat id-danni għall-ammont ta' £384.10.0, b'dana li £2 minnhom jirrappreżentaw il-kirja magħmula mill-konvenut Avallone; u fl-aħħarnett ikkundannat li jħallsu l-ammont ntier ta' £382.10.0 kull wieħed mill-konvenuti, b'dan li fir-rapporti nterni dak l-ammont jiġi apporzjonat nofs kull wieħed bejniethom, u lill-konvenut Avallone jħallas £2 tal-kirja, b'riżerva ta' rivalsa "si et quatenus" kontra min u skond il-liġi għal dan l-aħħar ammont; l-ispejjeż jinġabru u jitħallsu mill-konvenuti bħal ma għandu jitħallas il-meritu, biss fir-rapporti nterni jinqasmu bejniethom, barra milli fuq il-kundanna ta' £2 għall-kirja, li jitħallsu mill-konvenut Avallone, bir-riżerva għalihom fuq apposta; wara li kkunsidrat;

Mill-provi akkwiżiti għall-kawża jirriżulta li fil-11 ta' Mejju 1955 il-konvenuti Avallone u Ciancio daħlu fil-garage "New Star Garage", 45 Bugeja Street, Hamrun, mentri barra kienu jistennewhom Gaetano u Ignazio Azzopardi; u ftit wara ħarġu, u l-konvenut Avallone rikeb wara li "steering wheel" ta' karrozza Ford "Consul", li kienet iġġib in-numru 15236, u li kienet barra l-istess remissa, u flimkien mal-oħrajn imsemmija telqu fuq dina l-istess karrozza għal self drive. Mil-Hamrun huma saqu lejn ir-Rabat, mentri kien qiegħed jagħmilha ta' driver l-imsemmi Avallone; u malli waslu r-Rabat ġie mument li Avallone ċeda li "steering" lil Ignazio Azzopardi, li ma kellux liċenza biex isuq, u dan l-aħħar imsemmi saq il-karrozza sal-Buskett, u minn hemm lura sal-Pjazza ta' San Duminku, fl-istess lokalità menzjonata. Mil-Pjazza ta' San Duminku sa fuq is-Saqqajja, Ignazio Azzopardi ċeda postu wara r-rota tas-sewqan lil Gaetano Azzopardi; u dana, minn dak il-post li ssemma, alla sua volta, fuq invit tal-istess Avallone, lil Ciancio, biex imexxi huwa l-karrozza għan-niżla, u dan l-aħħar imsemmi daħal f'loku;

Għall-ewwel Ciancio saq l-istess karrozza bi speed u veloċità moderata u regolari, imma mbgħad dina bdiet iż-żid......... tant li l-istess Avallone insista ma Ciancio biex inaqqas; imma milli jidher, Ciancio ma tax każ tal-avvertiment, u bil-karrozza taħt idejh dina assumiet veloċità perikoluża, b'mod li saret inkontrollabbli, u marret biex spiċċat mas-siġar u l-ħajt li jiffjankeġġjaw dik l-istess trieq u tfarrket deplorevolment, b'mod li saret inservibbli...... In konsegwenza ta' dana l-"crash" Ignazio Azzopardi, wieħed mill-passiġġieri, safa' mejjet, u l-oħrajn irriportaw offiżi personali ta' natura pjuttost gravi;

Illi dawn il-fattijiet fuq relatati ġew imniżżla bla ebda kommenti. Minnhom ġew diversi kwistjonijiet fil-kawża odjerna, li hija ntiża biex tistabbilixxi r-responsabbiltà ċivili fil-persuna li kienet issuq l-istess karrozza fil-waqt tal-aċċident u l-persuni l-oħra, jekk huwa l-każ; jekk dik ir-

responsabbilità, f'każ ta' ħtija kumulattiva ċjoè ta' aktar minn persuna waħda, l-istess hijiex separata u individwali, jew inklelè solidali; u ff-aħħarnett, wara li tkun hekk stabbilita, sabiex jiġu likwidati d-danni skond ir-riżultanzi talproċess;

Illi l-konvenut Avallone ġieb il-quddiem żewġ eċċezzjonijiet, u ċjoè:— (a) Li l-karrozza ma ġietx mikrija minnu biss, imma l-istess ġiet mikrija mill-erba' persuni li marru fiha; u (b) li meta ġrat u fil-waqt tad-disgrazzja, jew "crash", l-istess karrozza ma kienetx taħt il-kontroll tiegħu, ċjoè ma kienx qiegħed isuqha huwa, imma kien qiegħed isuqha ħadd ieħor;

Illi, dwar l-ewwel oppożizzjoni tal-konvenut fuq imsemmi, jingħad li l-istess ma tistax tiġi milqugħa bil-favur; għaliex:—

1. Mid-depożizzjoni tal-attur.........;

*Omissis;*

Illi kwindi dina l-eċċezzjoni hija inattendibbli, u għandha tiġi skartata;

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Avallone hija wkoll intiża biex tbiegħed minnu, kif jaħseb huwa, ir-responsabbiltà tiegħu. Infatti huwa jgħid li mhux huwa, waqt ilmument tal-aċċident u ħabta, kien qiegħed isuq il-karrozza in kwistjoni. Huwa fatt aċċertat li fil-mument tal-ħabta l-"steering wheel' tal-karrozza "Consul" Nru. 15236, li rriżulta li kien kera l-konvenut Avallone, kienet taħt il-kontroll dirett tal-konvenut Ciancio, persuna li ma kienetċ liċenzjata sabiex issuq, fatt li kien konoxxut minn qabel millistess Avallone; imma huwa wkoll minnu li "nemo de improbitate sua consequitur actionem" (Ulpiano, L. 12, para. 1 Dig. de furtis, 47, 2). U meta f'dana l-prinċipju tas-sapjenza rumana Ulpiano jitħaddet fuq "actio", din għandha u tista' tittieħed ukoll fis-sens lat tal-kelma għal kwalunkwe mezz li persuna tista' tipprokura sabiex ikunu validi jew jiġu difiżi d-drittijiet tagħha di fronti għall-awtorità kom-

petenti; u f'dan is-sens jappartjenu lil dina l-klassi mhux biss l-azzjonijiet hekk proprjament imsejħa, imma anki l-eċċezzjonijiet, l-interdetti u r-restrizzjonijiet;

Fi kliem anqas xjentifiku, kif tajjeb osserva l-perit ġudizzjarju, il-konvenut Avallone ma jistax javvantaġġja ruħu mill-aġir illegali tiegħu, mill-fatt ċjoè li huwa, kuntrarjament għal dak li huwa maħsub fir-regolamenti, affida l-karrozza lilu mikrija lil persuna li huwa kien jafha li tħobb issuq (ara depożizzjoni.........), u li ma kellhiex liċenza tassewqan, u kien magħha waqt li kienet qegħedha ssuqha, u kwindi żamm il-kontroll fuqha mingħajr ma ħa l-passi meħtieġa sabiex jimpediha li hija tmexxi u ssuq l-istess karrozza b'veloċità eċċessiva u perikoluża. U dan biex ma jingħadx ukoll li anki qabel ma l-karrozza kienet f'idejn min kien qiegħed isuqha waqt l-aċċident, kien diġà fdaha lil Ignazio Azzopardi, ġuvni ieħor li kien jaf li ma kienx liċenzjat, u lil Gaetano Azzopardi, li kellu liċenza imma li ma kienetx mikrija lilu;

Illi min jaġixxi fl-affarijiet b'dana n-nuqqas ta' diliġenza u b'mod hekk negliġenti u imprudenti, ikun qiegħed javviċina d-dolo — "culpa dolo proxima dolum rappresentat" (Ulpianus, L. para. 2, Dig. si is qui testam, 47, 4); jew almenu l-kolpa lata li "plane dolo comparabitur" (Ulpianus, L. I, para. I, Dig. si mensor falsum modum). U l-imsemmi Avallone, li seta' għax kien riekeb ma' ġenbu, u kellu d-dmir u l-obligu għax il-karozza kienet ġiet mikrija lilu, li ma jagħtix il-karrozza f'idejn persuna li kien jaf li ma kienetx liċenzjata, u jekk jagħtiha almenu jara li jikkontrolla lil Ciancio, li kien "palam" qiegħed isuq b'mod li ebda persuna ordinarjament diliġenti ma kienetx b'dak il-mod issuqha (apparti li ma kellux liċenza), billi japplikalu l-"hand brake", li huwa, kif qal it-tekniku, ta' tip "pistol grip" u qiegħed fid-"dash board", kważi fin-nofs quddiem id-driver, u deherlu li ma għandux jindaħal, wera imprudenza somma u imperdonabbli; u fl-opinjoni talperit — liema opinjoni taqbel magħha l-Qorti, tirrendieħ

responsabbli għal dik l-imprudenza, negliġenza pożittiva, u ommissjoni ta' diliġenza;

Illi, dwar ir-responsabbiltà ta' Ciancio, jingħad li huwa fatt li ma jistax jiġi negat li fil-waqt tal-inċident kien qiegħed isuq il-karrozza in kwistjoni, u li huwa kien qiegħed isuqha b'mod imprudenti fil-post fejn kien miexi biha u bi speed eċċessiv u perikoluż, għaliex mill-provi rriżulta......... Huwa assurd u inċivili li Ciancio jgħid li huwa ma kellux ebda rapport mal-attur, biex jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu; għaliex dana r-rapport ġie kreat immedjatament malli huwa aċċetta, la ma kellux liċenza, li jsuq l-istess karrozza li fdalu Avallone, li direttament kien marbut mal-instanti. Kieku ma kienx hekk, kien ikollna naslu għall-assurd li "third party" li tagħmel ħsara lill-karrozza mikrija lill-klijent ta' garage ma kienetx tista' tiġi azzjonata direttament mill-proprjetarju tal-garage li kien sofra l-ħsara — dak li huwa kontra kwalunkwe prinċipju ta' ġustizzja u ekwità;

Illi kwindi l-konvenut Ciancio huwa responsabbli; u r-responsabbiltà tiegħu hija marbuta mad-dritt li għandu jippersegwitah l-istess attur in forza tal-kważi-delitt;

Illi l-kwistjoni l-oħra li għandha tiġi riżoluta hija jekk il-konvenuti Avallone u Ciancio humiex jew le tenuti solidalment; u jekk ma humiex, li jiġi dikjarat f'liema miżura hija r-responsabbiltà rispettiva tagħhom;

Illi n-natura tal-fatt li ġie kommess mil-konvenuti jaqa' taħt ir-rubrika tad-delitti u kważi delitti, li jirrigwardaw danni kaġunati minn kwalsijasi fatt illeċitu, sew jekk jiġi kommess b'dolo jew malizzja (delitt), sew jekk jiġi magħmul bis-sempliċi negliġenza jew kolpa u ħtija ċivili;

Mhux ożjuż li jingħad li, skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt, fin-nożżjoni tal-kelma "fatt" huma kompriżi mhux biss l-attijiet pożittivi, imma anki dawk negattivi, jew dawk

li jissejħu anki ommissjonijiet. Lanqas huwa barra minn loku li jingħad li l-fatt in kwistjoni ma jikkostitwix delitt, imma kważi-delitt, li huwa fatt ta' kommissjoni jew ommissjoni li bih ġie arrekat lill ħadd ieħor preġudizzju mingħajr intenzjoni (ara Zachariae, Corso di Diritto Civile, Vol. II, paragrafi 443 u 446). Infatti, il-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li "Every person, however (in referenza tal-artikolu ta' qabel u bħala kuntrast tiegħu), shall be liable for the damage which occurs through his fault" (art. 1074 Kod. Ċiv.); u aktar l-isfel, fl-art. 1076 tal-istess Statut, meta jitħaddet dwar in-negliġenza kolpevoli, ikompli jgħid:— "Any person who, with or without intent to injure, voluntarily or through negligence, imprudence, or want of attention, is guilty of any act or omission constituting a breach of duty imposed by law, shall be liable for any damage resulting therefrom". U fl-art. 1075 jiddisponi meta persuna titqies li hija fi ħtija, u ċjoè:— "If in his own acts he does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias"; liema grad ta' responsabbiltà huwa n-normali, għaliex grad aqwa jirrikjedi espressa dispożizzjoni tal-liġi;

Minn dan jitnissel li, meta l-leġislatur jitkellem fuq id-dannu kaġunat minħabba negliġenza proprja jew imprudenza, jaċċenna b'mod speċjali, jew aħjar speċjalment, għad-dannu li jitnissel mill-kważi-delitt, li l-bażi tiegħu hija l-ħtija, li hija kolpa extra-kontrattwali, jew dik li l-antiki Rumani kienu jappellaw il-Kolpa Akwiljana; għaliex għall-kolpa kontrattwali għandu setgħa dak li hemm maħsub fl-art. 1175 tal-Kodiċi Ċivili, li jagħmel riferenza għall-art. 1075;

Il-liġi wkoll, fl-art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili, taħseb dwar id-dannu li jiġi kaġunat minn żewġ persuni jew numru akbar ta' persuni, anki jekk x'uħud minnhom ikunu aġixxew b'dolo u x'uħud oħrajn ikunu aġixxew bla malizzja; f'liema każ, meta d-dannu kaġunat minn kull wieħed minn dawk il-persuni mhux aċċertabbli, id-danneġġjat ikollu d-dritt jitlob id-danni ntieri minn kull wieħed minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-każ, salv bejn id-danneġġjanti d-dritt tar-ri-

valsa kontra xulxin, li jistgħu jiġu ratizzati bejniethom mill-Qorti kif hemm maħsub fit-tieni sezzjoni tal-artikolu fuq imsemmi;

Illi f'dan il-każ tirrikorri l-ipotesi tal-artikolu fuq imsemmi, rettament interpretata bħala applikabbli wkoll u anki fejn id-danneġġjanti kollha huma biss "in culpa" fl-azzjoni komuni li huwa (id-danneġġjat) ġie sofra minnha; u kwindi, fil-konfront tad-danneġġjat odjern, dan għandu d-dritt li l-Qorti tagħmel, fir-rapporti nterni bejniethom, dak li jingħad f'dik it-tieni sezzjoni. Dana d-dritt jixxiebaħ u "in effetto" jikkorrispondi għas-solidarjetà li titnissel minn natura stess tad-debitu, bħal li kieku ħafna persuni jkunu kkommettew xi delitt jew ikkaġunaw xi danni għal ħtija li hija komuni bejniethom; għaliex f'dan il-każ il-fatt ta' kull wieħed mid-danneġġjanti jkun ikkaġuna dannu, u kull wieħed minnhom huwa talment obligat li jirripara b'mod li kull wieħed huwa tenut għalieħ, kif huwa maħsub fil-L. 15, para. 2, Digest. "Quod vi aut clam";

Illi fir-rapporti nterni bejniethom il-konvenuti, sabiex tiġi ratizzata l-ħtija tagħhom u proporzjonata għall-azzjoni jew ommissjoni tagħhom, negliġenti u imprudenti, iridu jsiru ċerti konsiderazzjonijiet. Infatti dwar il-konvenut Ciancio jingħad li mhux diffiċli u astruż tiddefinixxi bħala imprudenti u negliġenti l-azzjonijiet tiegħu li jinżel f'dik it-trieq "in declivio" sensibbli ħafna, bi speed........ Huwa tajjeb però, li qabel ma tiġi kemm jista' jkun, atteża d-diffikultà tal-każ, apporzjonata l-azzjoni tiegħu, li jingħad xi ħaġa fuq il-ħtija tal-konvenut Avallone. Dan l-aħħar imsemmi, li kien jaf x'mentalità kellu dwar is-sewqan il-konvenut l-ieħor, u li kienet verament avventata ħafna, u li ma kienx injar li ma kellux liċenza tas-sewqan........;

Illi minn dan jidher li huwa diffiċli li tindividwalizza, fil-każ in eżami, il-grad ta' ħtija bejniethom, għalkemm apparentement jidher diversament; imma f'każ ta' ipotesi di fatto simili, il-konsegwenzi għall-effetti tad-danni ġew mit-Tribunal ta' Ruma, fis-16 ta' Novembru 1916, riportat fir-

Rivista Unica, 1907, Vol. I, p. 364, ripartiti f'miżura ugwali bejn il-kompartecipi tal-fatt. U dina l-Qorti hija tal-istess fehma li jsir fir-rapporti nterni bejn il-konvenuti f'dan l-istess każ;

Illi kwindi l-konvenuti, di fronti għad-dannegġjat, huma individwalment tenuti għad-danni ntieri, u fir-rapporti nterni bejniethom għandhom jaqsmuhom nofs kull wieħed ugwalment;

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, jingħad li l-istess danni huma regolati mill-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili, li jikkonsistu fid-"damnum emergens" u l-"lucrum cessans";

Jidħlu taħt l-ewwel kwalità ta' danni (1) dawk li jikkostitwixxu t-telf effettiv li l-għemil tad-dannegġjant ikun ikkaġuna direttament lill-parti dannegġjata, (2) u l-ispejjeż li l-parti dannegġjata kellha tagħmel minħabba l-ħsara; mentri jidħlu taħt it-tieni kwalità ta' danni (1) it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali, (2) u t-telf ta' qliegħ li tbati l-quddiem minħabba nkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib; liema somma li għandha tiġi mogħtija għal dina l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti kif jingħad fl-art. 1088 (2) tal-Kodiċi Ċivili, bil-limitazzjoni hemm imsemmija meta l-ħsara ma tkunx kaġunata dolożament, u salv dak li jingħad, meta jkun il-każ, fl-art. 1089 tal-istess Kodiċi;

Illi fost id-danni kalendati taħt it-terminu "damnum emergens" jidħlu fil-fatt (a) il-valur tal-karrozza in kwistjoni, li ġiet talment distrutta........;

Illi d-danni li jaqgħu taħt il-kwalità ta' "lucrum cessans" huma dawn li sejrin jissemmew:— (a) il-perdita tal-profitti li l-attur seta' jagħmel kieku l-karrozza "de qua" baqgħet regolari fis-servizz tal-garage tiegħu........;

*Omissis;*

Illi kwindi d-danni likwidati huma (1) danni emerġenti £312, (2) lukri ċessanti £68. Total £380;

Illi, oltre dan, il-konvenut Avallone waħdu għandu jagħti lill-attur £2 tal-kirja.........;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut Avallone fol. 91, li biha dan appella u talab li s-sentenza tiġi revokata, billi għarrigward tad-danni jiġi dikjarat li huwa mhux responsabbli għalihom, u rigward l-ammont ta' £2 tal-kiri tal-karrozza billi jiġi eskluż, peress li ma ġiex mitlub, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; in subordine, billi l-ammont tad-danni jiġi ridott, u billi jiġi dikjarat u deċiż li l-appellant Avallone jkollu d-dritt ta' rifużjoni kontra Ciancio ta' kull ammont li hu jiġi kundannat iħallas lill-attur u talispejjeż taż-żewġ istanzi li jista' jeħel;

Rat il-petizzjoni ta' Antonio Ciancio fol. 110, li biha appella u talab li s-sentenza tiġi riformata, billi l-ammont tad-danni jiġi ridott u l-kundanna ma tkunx solidali, iżda rateali (ma ġie mitlub xejn dwar l-ispejjeż);

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Kwantu għall-appell Avallone;

Il-provi ma jħallux dubju li kien hu li kera l-car, anki fis-sens li l-attur tahulu fuq il-fiduċja tiegħu, għax kien soltu jikri minn għandu, u kien jaf li kellu liċenza tas-sewqan. Il-fatt li dan l-appellant kellu fi ħsiebu li jsuqu anki l-ħbieb li kellu miegħu, fosthom tnejn mhux liċenzjati, jista' juri li hu kien qed jidher bħala l-"hirer" tal-karrozza sabiex l-attur ma jsibx diffikultà li jikriha, u b'hekk espona lill-attur maġġjorment għall-perikolu tad-danni, li diversament kien jista' jevita billi jirrifjuta l-kiri;

Lanqas jista' jiġi dubitat li dan l-appellant kien fit-tort li jaffida l-karrozza lil Ciancio u li jaffidahielu proprju minnizla tas-Saqqajja l-quddiem, fejn, bl-għajnuna tal-"momentum" tan-niżla, dan Ciancio seta' jagħti prova spettakoluża ta' l-ispavalderija tiegħu fis-sewqan fil-mod li soltu kien jiftaħar bih. Li bniedem jagħti karrozza f'idejn ieħor b'dik il-fama hija kolpa li tirrażenta l-għemil doluż;

Dan l-appellant kien ukoll fit-tort billi, meta nduna li Ciancio kien qiegħed iżid fil-speed, illimita ruħu biss li jirrimarkalu l-fatt. Kif qal tajjeb l-espert adoperat mill-Ewwel Qorti, hu kien imissu juża mezzi aktar effettivi, u seta', peress li kien ħdejn Ciancio, japplika l-"hand brake" bħala prekawzjoni;

Id-difensur osserva li taħt iċ-ċirkustanzi dan kien ikun perikoluż; imma dan ir-riljev hu nkontrat bl-ieħor li dan seta' sar qabel ma s-sewqan sar vertiġinuż, u għalhekk f'ħin meta, anki jekk xi ħsara żgħira setgħet issir, ċertament qatt ma kienet tkun tal-entità ta' dik li diġà kienet allura bdiet tiddelinea ruħha bħala imminenti. F'każ analogu, hu risaput li min jgħallem "learner" ġeneralment iżomm il-"hand brake" f'idejh, biex ikun pront japplikaħ f'każ ta' bżonn; u hu anki mistenni li juża mezzi oħra ħalli jirrimedja għall-iżbalji tal-"learner"; tant li mill-Qorti Ngliżi t-tnejn — "learner" u min jgħallmu — ġew ritenuti "drivers" għall-finijiet tar-responsabbiltà għar-regoli tat-traffiku (ara Davies, Law of Road Traffic, 1954, p. 27). Bl-istess mod, l-appellant seta', fi żmien utili, qabel ma s-sitwazzjoni saret irrimedjabbli, jovvja b'xi mod għall-aberrazzjoni ta' Ciancio;

Avallone kellu d-dritt, u fl-istess ħin l-obligu, li jikkontrolla lil Ciancio, għal diversi raġunijiet, fosthom għax hu kien kera l-car, u għax hu kien driver liċenzjat. Jingħad fit-test fuq ċitat (ibidem, p. 241):— "...... whenever a driver is negligent, any person who is actually controlling, or even merely possesses the right to control the way in which the vehicle should be driven, will usually be held liable for the driver's negligence";

Hu sempliċement inċivili li wieħed jgħid li ebda tort ma kellu dan l-appellant għax Ciancio, għad li ma kienx liċenzjat, kien jaf isuq. Infatti, apparti l-fama ta' Ciancio bħala driver perikoluż u irresponsabbli, u apparti l-azzjoni rimedjatorja li seta' ħa l-appellant Avallone fil-mument propizju, hu indubitat li min hu liċenzjat hu preżunt li jaf

isuq anki b'mod li jevita l-perikoli tas-sewqan kemm hu possibbli, u li għandu sens ta' responsabbiltà, u anki li jevita li jabbuża biex ma jitlefx il-liċenza;

Kwantu għad-danni, l-ammont tagħhom ma hux affattu tali li din il-Qorti tista' tgħid li hemm fih xi eżaġerazzjoni.........;

Kwantu għaż-£2 tal-kiri, apparti li "de minimis non curat praetor", dak in-nol jista' "per equipollens", fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, jitqies bħala dannu tal-użu tal-karrozza fuq il-bażi tan-nol;

Kwantu għall-appellant Ciancio, dan ma ddiskutiex, u lanqas qatt seta' jiddiskuti r-responsabbiltà tiegħu, u llimita ruħu għat-talba għar-riduzzjoni tal-ammont, li din il-Qorti ġa ġġudikat, kif fuq ingħad, mhux ċensurabbli;

Ikkunsidrat, kwantu għar-riljev taż-żewġ appellanti, li ma hemmx lok għas-solidarjetà fil-kundanna;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li hemm lok għal dina s-solidarjeta' in bażi għall-art. 1093 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta. Anzi hemm anki lok għall-kundanna indiviżibbli, għax it-tnejn kienu, kull wieħed għalieħ, responsabbli integralment tal-fatt produttiv tad-danni, fis-sens li Avallone pproduċa d-dannu kollu meta affida l-karrozza f'idejn Ciancio fiċ-ċirkustanzi anteċedenti u konkomitanti fuq aċċennati, u Ciancio kien ukoll responsabbli għad-danni kollha meta saq bil-mod irresponsabbli ta' speed ta' xi tmenin mil fis-siegħa;

Ma hix f'lokha l-osservazzjoni li l-art. 1093 ma hux applikabbli għax fil-fatt l-Ewwel Qorti allokat id-danni fl-istess sentenza. Infatti, hi l-liġi stess li tivviżwalizza dik l-ipotesi fit-tieni subartikolu, meta tikkontempla l-allokazzjoni tad-danni bejn min ikkaġunahom u ntant tirriżerva lid-danneġġjat l-azzjoni solidali;

Kwantu għall-apporzjonament tad-danni li għamlet l-Ewwel Qorti in bażi għas-subartikolu fuq ċitat, ma jidherx li dak l-apporzjonament ma hux ġust fiċ-ċirkustanzi tal-każ; anzi jirrivela ruħu konformi għal dawk iċ-ċirkustanzi. Lanqas għandu wieħed jinsa li hawn mhix possibbli dimostrazzjoni aritmetika tal-kwoti, imma allokazzjoni ekwitattiva "sola auctoritate probi hominis";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi ż-żewġ appelli u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż tal-ewwel istanza kif provvduti mill-Ewwel Qorti, u b'dawk ta' dina l-istanza.

---